**Qorti tal-Maġistrati (Malta)**
**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Maġistrat Dr Leonard Caruana LL.D (Melit.) M.A. (Fin. Serv.)**

**Il-Pulizija**
(Spettur Christian Abela)

Vs

**Amir Bahadur Hassanloo**
(Detentur tal-Passaport Numru: N97160881)

**Illum, 18 ta' Diċembru, 2022**

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba fil-konfront ta' **Amir Bahadur Hassanloo**, ta 35 sena, ta' Nazzjonalità Iranjana, iben Hossein u Hafeze, Imwieled nhar il-25ta' Ottubru 1988 ġewwa Tehran, residenti ġewwa l-Iran u detentur tal-passaport numru: N97160881, u akkużat talli fis-16 ta' Diċembru 2022 u fil-jiem ta' qabel f'dawn il-gżejjer:

1. iffalsifika, biddel jew għamel xi tibdil fil-Passaport jew uża jew kellu fil-pussess tiegħu xi Passaport li hu kien jaf li ġie iffalsifikat, imbiddel jew sar xi tibdil fih;

2. talli matul l-istess żmien, lok u ċirkostanzi għamel falsifikazzjoni oħra jew xjentement għamel użu minn xi dokumenti oħra iffalsifikati, fid-dokumenti fuq imsemmija;

3. talli matul l-istess żmien, lok u ċirkostanzi iffalsifika xi dokumenti jew kopji vera ta' dokumenti jew reġistrazzjonijiet magħmula skond l-Att dwar l-Immigrazzjoni;

Rat li fis-seduta tal-lum stess l-akkużat irreġistra ammissjoni għall-akkużi kollha dedotti kontra tiegħu. Illi fid-dawl ta' din l-ammissjoni, u bl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 392A(1) u l-Artikolu 453(1) tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-tweġiba u ngħata żmien xieraq sabiex, jekk irid, jerġgħu lura minnha.

Semgħet lill-akkużat jikkonferma l-ammissjoni tiegħu wara li ddikjara li ngħata żmien suffiċjenti sabiex jirrikonsidra l-posizzjoni tiegħu.

Rat id-dokumenti kollha;

Semgħet is-sottomissjonijiet magħmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiża rigwardanti l-piena, inkluż li l-akkużat ikkoopera bi sħiħ mal-uffiċjali tal-Pulizija;

Ikkonsidrat:-

Illi l-akkużat ammetta l-akkużi kollha miġjuba fil-konfront tiegħu u għaldaqstant, fuq l-ammissjoni volontarja u inkondizjonata tiegħu, il-Qorti m'għandhiex triq oħra salv li ssib lill-akkużat ħati tal-akkużi kollha miġjuba fil-konfront tiegħu kif minnu ammess.

Illi fir-rigward tal-piena, il-Qorti tosserva li l-akkużat ikkopera bis-sħiħ mal-uffiċjali investigattivi u rreġistra ammissjoni fi stadju bikri tal-proċeduri.

Illi jirriżulta li l-akkużat ġie fl-ajruport ta' Malta permezz ta' titjira minn Istanbul nhar is-17 ta' Diċembru 2022. Huwa kellu fil-pussess tiegħu dokument li juri li huwa passaport Awstraljan u X'ħin ippreżenta dan id-dokument lill-uffiċjali tal-immigrazzjoni fi ħdan l-ajruport ta Malta, l-uffiċjali ġihom suspett li dan seta' kien passaport falzifikat. Minn aktar stħarriġ irriżulta li l-paġna kontendenti d-dettalji ma kienitx konformi mal-istandards tal-passaport Awstraljan filwaqt li n-numru tad-dokument irriżulta li ġie rappurtat bħala misruq fi Spanja.

Illi l-Qorti tinnota li minkejja li l-akkużat ammetta għall-akkużi miġjuba kontra tiegħu u anke wera li ddispjaċieħ ħafna għal dak li għamel, min-naħa l-oħra, il-Qorti ma tistax tieħu b'mod leġġer l-użu ta' dokumenti falzifikati, partikularment meta bl-użu ta' dawn id-dokumenti, il-portatur qiegħed jittenta jidħol fil-Gżejjer Maltin. Reati bħal dawk odjerni huma ta' natura serjissima u potenzjalment jistgħu anke jkollhom konsegwenzi għas-sigurtà tal-pajjiż.

**Deċide:**

Għal dawn il-motivi, l-Qorti, wara li rat l-artikolu 5 tal-Ordinanza Dwar il-Passaporti, Kap. 61 tal-Liġijiet ta' Malta; l-Artikolu 189 tal-Kodiċi Kriminali, Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikolu 32(1)(f) tal-Att Dwar l-Immigrazzjoni, Kap. 217 tal-Liġijiet ta' Malta u wara li semgħet ammissjoni inkondizzjonata tiegħu qed issib lill-istess **Amir Bahadur Hassanloo ħati** tal-akkużi kollha dedotti kontra tiegħu u tikkundannah għal perjodu ta' **sitt xhur** priġunerija effettiva.

Inoltrè bl-applikazzjoni tal-Artikolu 23 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qed tordna l-konfiska tad-dokument falz ippreżentat mill-prosekuzzjoni.

**Ft. Dr. Leonard Caruana LL.D., M.A. (Fin. Serv).**
**Maġistrat**

**Sharonne Borg**
**Deputat Reġistratur**